TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 71/15/GB

**Emanuele Grech**

**vs**

**Strand Marine & Auto Systems Ltd.**

Illum 20 ta' Mejju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal zewg batteriji ta' 'electronic scooter', li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema batteriji kienu difettuzi.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas m'attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa xtara zewg batteriji ghal 'electronic scooter' li huwa juza kuljum, ghaliex huwa persuna b'dizabbilita'. Meta r-rikorrent xtara l-batteriji in kwistjoni, is-socjeta' ntimata kienet informatu li kienu koperti b'garanzija ta' sentejn. Wara hames xhur bdew jaghtuh il-problemi u ghalhekk hadhom lura ghand is-socjeta' ntimata sabiex jigu ccekjati. Is-socjeta' ntimata zammithom ghal erbgha u ghoxrin siegha jew aktar fejn imbaghad informat lir-rikorrent li kienu tajbin. Wara ftit, il-batteriji regghu bl-istess problema, u r-rikorrent spicca hadhom lura ghand is-socjeta' ntimata xi hames darbiet ohra. Fil-fatt, ir-rikorrent kellu jixtri sett gdid minn band'ohra.

Is-socjeta' ntimata kull ma ghamlet kienet li baghtet persuna sabiex ticcekja l-batteriji, u ma sar xejn iktar min-naha taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata, kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.EG1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, fuq ezaminazzjoni tal-provi, jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent, b'dana illi r-rikorrent ghandu jirritorna l-batteriji difettuzi in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata. Illi, it-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna wkoll lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrent, bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**